

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/316**tas-26 ta' Frar 2015****li ttemm il-proċedura antidumping li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Fil-15 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret it-tnedija ta' investigazzjoni antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu"). Fl-4 ta' Settembru 2014 ġiet ippubblikata rettifika għan-Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ⁽³⁾, li l-għan tagħha kien li jiġi ċċarat l-ambitu tal-prodott.
- (2) Il-Kummissjoni nediet l-investigazzjoni wara li fit-3 ta' Jannar 2014 l-Assoċjazzjoni Daniża tal-Akkwakultura ("l-ilmentatur") ressqet ilment fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti troti qawsalla. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' oġġett ta' dumping ta' ċerti troti qawsalla u ħsara materjali kkawżata minnu, li l-Kummissjoni kkunsidrat suffiċjenti biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.
- (3) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħeġġet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet b'mod speċifiku lill-ilmentaturi, lill-produtturi, lill-utenti u lill-importaturi oħrajn magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fit-Turkija u lill-awtoritajiet Torok kif ukoll assoċjazzjonijiet magħrufa li kienu mħassba dwar it-tnedija tal-investigazzjoni u ħeġġithom biex jipparteċipaw.
- (4) Il-partijiet interessati kollha kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali. Ma ġew imposti l-ebda dazji provviżorji.

2. L-IRTIRAR TAL-ILMENT U T-TWAQQIF TAL-PROĊEDIMENT

- (5) Permezz ta' ittra tad-19 ta' Novembru 2014 indirizzata lill-Kummissjoni, l-ilmentatur irtira l-ilment tiegħu.
- (6) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, proċediment jista' jitwaqqaf meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-twaqqif ma jkunx imur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (7) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kunsiderazzjonijiet li juru li dan it-twaqqif imur kontra l-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċediment attwali għandu jitwaqqaf. Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Madankollu, ma wasal l-ebda kumment.
- (8) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija għandu jitwaqqaf.
- (9) [Din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ Notifika ta' Bidu ta' proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija, ĠU C 44, 15.2.2014, p. 18.

⁽³⁾ Rettifika għan-Notifika ta' Bidu tal-proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija, ĠU C 297, 4.9.2014, p. 24.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' troti qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*):

- li tiżen ħajja 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew
- friska, imkessħa, iffriżata u/jew affumikata:
 - fil-forma ta' ħuta sħiħa (bir-ras), bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew
 - bla ras, bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1 kg jew anqas kull waħda, jew
 - fil-forma ta' flettijiet li jiżnu 400 g jew anqas kull waħda,

li bħalissa taqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 u li toriġina mit-Turkija b'dan jitwaqqaf.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
